**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2023**

**Talba Nru: 20/2022MD**

**Joseph Mamo (772455M)**

**Vs**

**Moussa Yassin (211003L)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-18 ta' Jannar, 2022[1] permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat li jħallas is-somma ta' elfejn, ħames mija u disgħa u sittin Euro (€2,569) rappreżentanti flejjes dovuti fuq kambjali mill-konvenut; bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali.

Ra li l-konvenut minkejja li notifikat ma ppreżentax risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra d-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Ra x-xhieda prodotta.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.

**Fatti fil-Qosor**

L-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' elfejn, ħames mija u disgħa u sittin Euro (€2,569) rappreżentanti flejjes dovuti fuq kambjali mil-konvenut, li qatt ma għamel pagamenti fuqhom għalkemm il-konvenut ġie interpellat diversi drabi inkluż permezz ta' ittra uffiċċjali bin-numru 3382/18, bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali.

**Provi prodotti**

Sema lil **Joseph Mamo**[2] fejn spjega li hu kellu *showroom* tal-karozza l-Imsida bl-isem ta' Valley Auto Dealer u l-konvenut mar jixtri żewġ karozzi, u baqa' ma ħallsux. Kien bagħtlu ittra uffiċjali bil-kopji tal-kambjali iżda baqa' ma ħallsux u l-ammont għadu dovut sal-lum.

Ra l-ittra uffiċċjali bin-numru 3382/18 esebieta flimkien ma kopji tal-kambjali bil-ġurament tal-attur Joseph Mamo.[3]

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawża tittratta dwar bilanċ ta' elfejn, ħames mija u disgħa u sittin Euro (€2,569) rappreżentanti flejjes dovuti fuq kambjali mil-konvenut lill-attur.

Mix-xhieda ta' Joseph Mamo, kif ukoll mid-dokumenti esebiti, jirriżulta li s-somma ta' elfejn, ħames mija u disgħa u sittin Euro (€2,569) għadha dovuta mill-konvenut.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi u jikkundanna lil konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn, ħames mija u disgħa u sittin Euro (€2,569), bl-imgħax dekorribbli mil-1 ta' Ottubru, 2018[4] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali bin-numru 3382/18 jitħallsu unikament mil-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

---

[2] *A fol* 33 *et seq* tal-proċess.
[3] *A fol* 35 *et seq* tal-proċess.
[4] Data skont l-ittra uffiċċjal annessa, *a fol* 36 *et seq* tal-proċess.